MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 83/2002/1

**Mary Stevens, Josephine Borg u Emily Xuereb lkoll werrieta tad-defunta Annie Borg**

**Vs**

**Terezin Bellotti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess atturi s-somma ta' elfejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2.028.25) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuti lill-werrieta tad-defunta Annie Borg b'segwitu ta' self brevi manu.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1) Preliminarjament kull pretenzjoni ta' parti tal-atturi tinsab preskritta a tenur tal-Art 2156 d u e tal-Kodici Civili.
2) Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja l-ammont mitlub huwa ezagerat stante li giet prattikata l-uzura u se mai huma l-atturi li huma debituri tal-konvenuta.
3) Illi l-atturi ghandhom jirritornaw l-oggetti gew mhollija ma Annie Borg bhala rahan.

Salvi eccezzjoniijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenuta qed issostni li din l-azzjoni hi preskritta a basi tal-artikolu 2156(d) in vista li dik in esami tittratta dwar hlas ta' imghaxijiet ta' sommom mehuda b'self jew taht titolu iehor u, in generali, ta' dak kollu li jithallas bis-sena' jew kull tant zmien iehor aqsar minn sena' u a basi tal-artikolu 2156(e) trattasi ta' wahda li tinvolvi l-hlas lura ta' self mhux risultanti minn att publiku. F'dawn il-kazijiet, l-azzjoni hi estinta bit-trapass ta' hames (5) snin.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, mill-provi kif esposti u in konnessjoni mal-eccezzjoni in esami jidher li:-

a) <u>Mary Stevens</u>, l-attrici flimkien ma hutha Josephine Borg u Emily Xuereb, xehdet (fol 15 tal-atti) li ommha, l-mejta Annie Borg kienet mietet matul Dicembru 1991.
b) <u>Il-konvenuta, Terezin Bellotti</u> (fol 17 et seq ibid) ikkonfermat li hi kienet issellfet kwantita ta' flus minghand l-istess Annie Borg, liema self kien sar "… mhux ghalija izda ghal nies ohrajn" kif kienet taf l-istess mejta. In rigward l-istess self, dan kien sar f'diversi okkazzjonijiet izda "… matul l-istess sena'". Bhala hlas, il-konvenuta

isostni illi “Ghal kull mitt lira (Lm100) li Annie Borg kienet issellef kellek taghtiha lura mija u hamsa u ghoxrin (Lm125) oltre rigali per ezempju flus u cpiepet”. Inoltre hi ssostni li kienet ghamlet l-ahhar hlas lill-attrici, Mary Stevens kif ukoll li meta kienet mietet Annie Borg kien ghad fadal bilanc dovut ta’ Lm1,300 oltre l-imghax relattiv. Pero sussegwentement l-istess Mary Stevens bdiet tippretendi sommom esorbitanti li skond din kienu ghadhom dovuti mill-konvenuta u li, sahansitra kienu jammontaw ghal Lm7000. Dwar il-pagamenti il-konvenuta stqarret li hi qatt ma kienet izzomm xi tip ta’ “record” izda l-istess Mary Stevens kienet “… tikteb … fuq il-ktieb taghha”. Fl-ahharnett, hi ssottolineat li l-ahhar pagament li kien sar kien gie effettwat fis-sena’ 2000 u bejn il-mewt ta’ Annie Borg (fl-1991 kif di gja inghad) u s-sena 2000, kienet hallset, zgur, Lm3000.

c) Mary Stevens (ara ‘supra’) riprodotta minn jeddha (fol 21 u fol 77 et seq ibid) bdiet biex tghid illi l-konvenuta kienet thallas lura s-self in esami tramite Guza Camilleri (ara ‘infra’).

Din tal-ahhar taghti l-flus lill-attrici l-ohra, Josephine Borg, u din da parti taghha kienet “.. taghti lill-istess Guza karta sabiex tkun taf kemm thallas”. Hi kompliet biex tghid li l-hlas kien jsir b’rata mensili ta’ Lm10 bl-ahhar pagament, jigi effettwat f’April 2001. Pero’ fil-bidu dawn il-pagamenti kienu jkunu aktar “… jidhirli ghoxrin lira Maltin (Lm20) fix-xahar”.

Inoltre hi sostniet illi kienet l-istess konvenuta “… li kienet tnizzel fuq il-pitazz (ta’ Annie Borg) il-pagament li jkun sar. Hi semmiet ukoll li ommha kienet isellef flus lil nies ohrajn, ukoll “.. pero ma kienx hemm hafna ohrajn”. Dwar din hi specifikat li “skond il-pitazz tal-mama l-ahhar pagament kien sar fin-1991. Issa imbaghad bdejt innizzel il-pagamenti jien. U skond dawn l-ahhar notamenti tieghi … jidher li l-ahhar pagament ta’ Mrs Bellotti sar f’April 2001” (ara d-dokumenti a fol 36 sa fol 61 tal-atti) kemm fl-original kemm in fotokopja).

Ikkunsidart

Illi in rigward l-eccezzjoni in esami, hu minnu li kif inghad fl-artikolu 2137 tal-Kodici Civili illi l-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dak in-nhar li l-istess azzjoni tista' tigi esercitata.

Pero’ l-artikolu 2134 tal-istess Kodici jghid li l-preskrizzjoni tinkiser bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innifsu.

Ill, f’dan il-kaz jidher evidenti illi l-konvenuta ilha snin thallas b’rati mensili s-self li sar lilha mid-defunta Annie Borg u mill-provi jidher li l-ahhar pagament kien sar f’April 2001. Tenut kont li l-avviz in esami gie intavolat fit-31 ta’ Jannar 2002 u notifika fis-6 ta’ Frar tal-istess sena’ jidher car illi l-eccezzjoni in esami ma’ tistax treggi u b’hekk ghandha tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad l-ewwel (1) eccezzjoni u tordna li dan il-kaz jissokkta fuq il-meritu tieghu waqt li jigu decizi ukoll l-eccezzjonjiet rimanenti tal-konvenuta. Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------